Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/15*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 15 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Ġimgħa 21 ta' Marzu, 2014 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Mario Mizzi.

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 7-14

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħat preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Tiġdid tal-Offerti – Tindif ta' Latina, Ġbir ta' Skart Goff u Tindif ta' Toroq urbani u mhux urbani

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-offerti imsemmija hawn fuq waslu biex jiġġeddu. Maria Attard għandha l-kuntratt dwar it-tindif ta' latrina pubblika filwaqt li Godfrey Borg ghandu l-kuntratti dwar ġbir ta' skart goff u tindif ta' toroq urbani u mhux urbani. Il-Kunsill qabel li huwa kuntent bis-servizz li qed jingħata minn dawn il-kuntratturi. Kull meta jkun hemm xi ilmenti dejjem ittieħdu l-passi fi żmien qasir. Il-Kunsill qabel li dawn l-kuntratti għandhom jiġġeddu għal sena oħra u b'hekk ikunu jgħalqu fis-sena 2015. Dawn l-offerti ġew fis-seħħ fis-sena 2013 u għalhekk jistgħu jibqgħu jiġġeddu sas-sena 2016.

## 4. Offerta Nru 2014-01 - 'Rendering of Services'

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li fil-kaxxa tal-offerti kienu intefgħu tlett offerti sal-ħin tal-egħluq. L-offerti huma ta' Paul Caruana, Anthony Mintoff u ta' Lorry Attard.

*F'dan il-ħin il-Viċi Sindku iddikjara li għandu interess pekunjarju u għalhekk ma ħax sehem f'din id-diskussjoni dwar l-offerta 'Rendering of Services'.*

Is-Sindku ippropona li naħtru Bord ta' Evalwazzjoni tal-offerta sabiex jagħmel rapport u jirrakkomanda lill-Kunsill liema hija l-aktar offerta vantaġġjuża għall-Kunsill u skond l-ispeċifikazzjonijiet. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku. Is-Sindku ippropona lin-Nutar Joel Grima, lill-Perit John Saliba u lis-Sur William Sultana sabiex ikunu maħtura bħala membri tal-Bord ta' Evalwazzjoni. Il-Kunsill qabel mal-persuni nominati mis-Sindku u għalhekk ser isiru l-kuntatti meħtieġa sabiex jinħatar dan il-Bord u jibda l-proċess ta' evalwazzjoni ta' din l-offerta.

## 5. Korrispondenza

5.01 Memo 07/2014 – Allegati Inġustizzji biex jitressqu quddiem il-Grievances Unit.

5.02 Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma infurmat lill-Kunsill li fi Triq tal-Gallina fejn ser isir il-proġett ta' kisi bil-konkos tal-istess triq iridu jgħaddu l-main tal-ilma mill-ġdid. L-istima bir-rati tal-WSC għal dan ix-xogħol hija ta' €8,154.77. Minn naħa tal-WSC titħallas l-ispiża tal-pajpijiet tal-ilma. Il-Kunsill qabel li fid-dokument tal-offerta li se jinħareġ għax-xogħol ta' kisi bil-konkos għandna ninkludu wkoll ix-xogħlijiet konnessi mat-tpoġġija tal-main tal-ilma. Il-proġett ta' Triq il-Gallina ser isir minn fondi tal-EU taħt il-programm M125. Minn dan il-programm il-Kunsill se jibbenefika sa massimu ta' €30,000. Jekk ikun hemm aktar spejjeż, dawn iridu jitħallsu mill-Kunsill.

5.03 Is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Jose Herrera stieden lill-membri kollha tal-Kunsill biex jattendu għal-Laqgħa Pubblika dwar ir-Riforma tas-Sistema tal-Infurzar Lokali. Il-Laqgħa Pubblika ser issir il-Grand Hotel, l-Imġarr Għawdex nhar is-Sibt 29 ta' Marzu fl-10.00am.

5.04 Comm. Carmel Zammit KHS, President ta' JP2 Foundation ippropona lill-Kunsill sabiex issir attivita fl-okkażjoni tal-24 anniversarju mill-vista tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'Għawdex u tad-9 anniversarju mill-mewt tiegħu. Huwa ippropona li l-Kor 'The Chorus Urbanus' jagħti kunċert bil-Knisja Parrokkjali ta' L-Għasri. L-ispiża għal din l-attivita tkun ta' madwar €150. Il-Kunsill qabel li għandha issir din l-attivita. Id-data proposta biex issir din l-attivita' hija l-Ħamis 3 ta' April.

5.05 Noel Bartolo mid-Dipartiment tal-Kummerċ informa lill-Kunsilli Lokali dwar il-Premju Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża 2014. L-applikazzjonijiet għal dan il-premju iridu isiru sal-Ġimgħa 28 ta' Marzu 2014.

5.06 L-Ispettur Bernard Charles Spiteri informa lill-Kunsill dwar problemi ta' traffiku li kien hemm speċjalment fil-jiem tal-Karnival fi Triq il-Fanal. Huwa ippropona sabiex il-Kunsill jikkonsidra li jagħmel parti mit-triq 'no parking' biex tissolva din il-problema. Il-Kunsill qabel li għandna naplikaw ma' Transport Malta sabiex f'parti minn din it-triq ma jkunux jistgħu jipparkjaw karozzi.

5.07 Il-Bord tal-Appell minn Deċiżjonijiet tal-Kunsill Lokali dwar offerti laqgħa l-appell ta' Bugeja Bros (Gozo) Ltd li kien sar dwar l-offerta għal servizz ta' tindif ta' toroq urbani u mhux urbani. Dan il-każ imur lura għall-2009 iżda s-sentenza ingħatat dan ix-xahar.

5.08 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill li l-ammont li se jingħata taħt l-iskema speċjali dwar attivitajiet huwa ta' €2,000. Is-Sindku se jieħu ħsieb jikkordina biex issir l-attivita fil-31 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju.

**6. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-15 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**7. Materja oħra**

7.01 Zarena Mintoff ta' Triq Dun Ġużepp Cassar talbet sabiex isiru sinjali sofor faċċata ta' Sqaq San Pupulju peress li qed ikun perikuluż biex jidħlu jew joħorġu mill-istess sqaq. Is-Sindku ippropona li jmur fuq il-post biex jara jekk din it-talba hiex ġustifikata u fil-każ issir applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

7.02 Edward Gatt ta' Triq il-Fenek talab biex issir bankina mal-post ġdid li għandu fl-istess triq. Il-Kunsill qabel li nitolbu lill-Gvern Ċentrali biex jagħmel dan ix-xogħol peress li bankini ġodda ma' postijiet li ma jkollhomx bankina huma responsabilta tiegħu.

7.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li residenta kienet ċemplet biex jingħata ftit konkos mal-ġenb tat-triq fejn ingħata t-tarmak dan l-aħħar fi Triq il-Knisja. Il-Kunsill qabel li jingħata dan il-konkos. Ix-xogħol ser isir mill-ħaddiema tal-Gvern.

7.04 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-arbli li kienu ordnati biex jintużaw mill-Kunsill waqt attivitajiet tal-Milied, Jum L-Għasri u oħrajn kienu waslu. Issa hemm bżonn li dawn ikunu irranġati u miżbugħin. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ. Is-Sindku se jikkordina biex isir ix-xogħol fuq dawn l-arbli.

7.05 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li saret l-ewwel laqgħa dwar is-saħħa primarja. Din saret nhar il-Ġimgħa 14 ta' Marzu. It-tieni laqgħa ser issir nhar it-Tnejn 14 ta' April. Il-Kunsill qabel li jsiru l-avviżi dwar din il-laqgħa.

7.06 Is-Sindku ippropona sabiex tinħareġ kwotazzjoni biex jitkompla ix-xogħol fuq il-water culvert fi Triq il-Fanal. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li bħalissa s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill ma tippermettix li jitkompla x-xogħol. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol jitkompla meta jkolna l-finanzi meħtieġa. Għalhekk mhux ser tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni għalissa.

7.07 Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li kien attenda għal-laqgħa mal-Assistent Kummissarju Raymond Zammit fis-26 ta' Frar 2014. Matul din il-laqgħa l-Assistent Kummissarju ippropona li Kunsilli Lokali jidentifikaw postijiet li huma magħrufa għall-kriminalita jew abbużi ta' droga sabiex hemm jiġu installati CCTV. Dawn is-CCTV iridu isiru mill-Kunsill iżda jiġu sorveljati mill-Pulizija. Il-Kunsill qabel li fortunatament fir-raħal tagħna m'għandnix postijiet jew żoni li huma meqjusa bħala kriminali jew isir abbuż ta' droga. L-uniku postiijiet li jistgħu jiġu installati CCTV huwa fejn il-Bring in Sites biex jinqatgħu abbużi ta' tfigħ ta' skart madwar l-istess Bring in Sites.

7.08 B'konnessjoni max-xogħol li jrid isir fi Triq tal-Gallina, il-Kunsill qabel li hemm ħajt ta' għalqa li iġġarraf u għalhekk irid jinbena. Ix-xogħol ser isir mill-ħaddiema tal-Gvern iżda irid isir it-taħmil u tindif biex ikun jista' jinbena mill-ġdid il-ħajt. Il-Kunsill qabel li nitolbu stima għal dan ix-xogħol lil Anthony Mintoff.

7.09 Il-Kunsill Joseph Farrugia informa lill-Kunsill li kien kelmu Victor Cassar dwar bżonn ta' ftit tindif fejn l-għalqa tiegħu fl-inħawi ta' Wied L-Għasri. Huwa qal li hemm xi ftit terrapien li irid jitneħħa biex ikollu aċċess għall-għalqa tiegħu. Il-Kunsill qabel li nitolbu stima dwar ix-xogħol lil Anthony Mintoff.

7.10 Francis Portelli ta' Triq Wied Sara talab li issir lampa ġdida ma' arblu tad-dawl (tal-Enemalta) li hemm mal-garaxx tiegħu peress li dawn l-inħawi m'hemmx lampi u hemm ħafna dlam. Il-Kunsill qabel li napplikaw mal-Enemalta biex teħel din il-lampa.

7.11 Is-Sindku informa lill-Kunsill li Jeffrey Zammit kien ilmenta dwar problema tal-ilma tax-xita fi Sqaq tal-Qattus. Biex tissolva din il-problema irid jitqatta' ftit mill-konkos tal-istess sqaq u jerġa' isir b'tali mod li l-ilma jaqleb 'l barra u b'hekk tissolva din il-problema. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol jista' jsir aktar tard din is-sena.

7.12 Is-Sindku ippropona sabiex is-siġar tal-Oleander li hemm fil-wied fi Triq il-Knisja u li bħalissa qed jinżabru mill-ħaddiema tal-Kunsill jinqalgħu sabiex ma jkunx hemm ostakoli għall-ilma tax-xita biex jgħaddi mill-istess wied. Il-Kunsill qabel li għandna naplikaw għall-permess minn għand il-Mepa biex jinqalgħu dawn is-siġar.

7.13 Is-Sindku informa lill-Kunsill li nhar il-Ħadd 23 ta' Marzu ser isir it-tberik tax-xogħol li sar fuq il-pedestalli tal-istatwi li hemm fuq iz-zuntier. Dan il-proġett sar minn fondi speċjali dwar postijiet storiċi.

7.14 Josephine Azzopardi ta' Triq il-Fanal talbet biex isir ftit siment taħt il-bankina tagħan biex ma jkomplix jitla' ħaxix ħażin. Il-Kunsill qabel li l-ħaddiema tal-Kunsill jagħmlu x-xogħol meħtieġ.

7.15 L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Mario Mizzi informa lill-Kunsill li fejn il-Museum, fit-tarf tal-bankina hemm periklu u t-tfal jistgħu iweġġgħu. Hemm bżonn li jsir ilqugħ biex jiġi evitat kull periklu. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ħamis 3 ta' April, 2014 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.00p.m.

Av. Daniel Attard<br>Sindku

Ruben Cassar<br>Segretarju Eżekuttiv